

Brussell, 15 ta' Jannar 2020
(OR. en)

14994/2/19
REV 2

JAI 1312
DATAPROTECT 302
DAPIX 364
FREMP 177
DIGIT 180
RELEX 1150

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	14994/1/19 REV 1
Suġġett:	Pożizzjoni tal-Kunsill u sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) - Adozzjoni

1. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR) issostitwixxa d-Direttiva 95/45/KE. Dan għandu għan doppju, jiġifieri li jsaħħaħ id-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tal-individwi u li jtejjeb l-opportunitajiet tan-negozju billi jiffaċilita l-fluss liberu ta' data personali fis-suq uniku diġitali.
2. Il-GDPR daħal fis-seħħ f'Mejju 2016 u ilu japplika mill-25 ta' Mejju 2018.
3. Skont l-Artikolu 97 tal-GDPR, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-GDPR lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jiġi ppreżentat sal-25 ta' Mejju 2020. Għal dak il-fini, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tal-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u dawk ta' korpi u sorsi rilevanti oħra. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll informazzjoni mill-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji.

Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni u dan ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha teżamina, b'mod partikolari, l-applikazzjoni u l-funzjonament ta':

- il-Kapitolu V dwar it-trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali b'attenzjoni partikolari għad-deċizzjonijiet adottati skont l-Artikolu 45(3) ta' dan ir-Regolament u deċizzjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE; u
- il-Kapitolu VII dwar kooperazzjoni u konsistenza.

4. Bil-ħsieb li titħejja l-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Presidenza fasslet test abbażi tal-kummenti pprovduti mill-Istati Membri. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Iskambju tal-Infommazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) iltaqa' fit-3 ta' Settembru, il-21 ta' Ottubru, il-11 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2019 biex jiddiskuti l-pożizzjoni tal-Kunsill.

5. Wara proċedura ta' silenzju mmedija fis-6 ta' Diċembru 2019, id-delegazzjonijiet setgħu jaqblu mat-test tal-pożizzjoni tal-Kunsill kif jinsab fl-Anness għal din in-nota.

6. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni u s-sejbiet tiegħu dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data kif jinsabu fl-Anness bħala punt "A" tal-aġenda ta' waħda mis-sessjonijiet tiegħu li ġejjin, bl-astensjoni tar-Renju Unit. Il-Kummissjoni ser tkun infurmata bil-pożizzjoni tal-Kunsill.

1. Introduzzjoni

(1) Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR")¹ daħal fis-seħħ fil-25 ta' Mejju 2018, filwaqt li ħassar u ssostitwixxa d-Direttiva 95/46/KE. Il-GDPR għandu l-għan li johlqo qafas dwar il-protezzjoni tad-data b'saħħtu u aktar koerenti fl-UE, li jkun sostnut minn infurzar b'saħħtu. Il-GDPR għandu żewġ objettivi. L-ewwel nett li jiproteġi d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-persuni fiżiċi u b'mod partikolari d-dritt tagħhom għall-protezzjoni ta' data personali. U t-tieni li jippermetti l-fluss liberu ta' data personali u l-iżvilupp tal-ekonomija diġitali fis-suq intern kollu.

(2) Skont l-Artikolu 97 tal-GDPR, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-ewwel rapport dwar l-evalwazzjoni u r-rieżami tar-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jasal sal-25 ta' Mejju 2020, imbagħad għandu jiġi segwit minn rapporti kull erba' snin.

(3) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha teżamina, b'mod partikolari, l-applikazzjoni u l-funzjonament ta':

- il-Kapitolu V dwar it-trasferiment ta' data personali lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali b'attenzjoni partikolari għad-deċiżjonijiet adottati skont l-Artikolu 45(3) ta' dan ir-Regolament u deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 25(6) tad-Direttiva 95/46/KE; u
- il-Kapitolu VII dwar kooperazzjoni u konsistenza.

(4) Il-GDPR jirrikjedi li l-Kummissjoni tiegħu kont tal-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u dawk ta' korpi u sorsi rilevanti oħra. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll informazzjoni mill-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji.

¹ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data).

(5) Sabiex jitħejjew il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Kunsill li ssemew hawn fuq, id-delegazzjonijiet intalbu li jibagħtu kummenti bil-miktub². Il-kummenti tal-Istati Membri ġew diskussi mill-Grupp ta' Ħidma DAPIX fil-laqgħat tiegħu tal-21 ta' Ottubru, il-11 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2019. Il-pożizzjonijiet u s-sejbiet tal-Kunsill abbażi ta' din il-ħidma preparatorja ġew deskritti u miġbura fil-qosor f'dan id-dokument. Il-Kunsill ħa wkoll nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ntitolata "Regoli dwar il-protezzjoni tad-data bħala faċilitatur tal-fiduċja fl-UE u lil hinn – nieħdu kont"³ (il-Komunikazzjoni) li ġiet adottata f'Lulju 2019. Il-Komunikazzjoni ħarset lejn l-impatt tar-regoli tal-protezzjoni tad-data tal-UE u lejn il-possibilitajiet għat-titjib ulterjuri tal-implimentazzjoni tagħhom. Filwaqt li skont il-Kummissjoni r-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-data kisbu ħafna mill-objettivi tagħhom, il-Komunikazzjoni tistabbilixxi wkoll passi konkreti biex issaħħaħ aktar dawn ir-regoli u l-applikazzjoni tagħhom.

(6) Il-Kunsill huwa tal-fehma li l-pożizzjonijiet u s-sejbiet tiegħu ma għandhomx ikunu limitati biss għas-suġġetti msemmija fl-Artikolu 97(2) tal-GDPR. Għaldaqstant il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-Kummissjoni biex fir-rapport li jmiss tagħha tevalwa u tirrieżamina l-applikazzjoni u l-funzjonament tal-GDPR lil hinn minn dak li jissema speċifikament f'dak l-artikolu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiegħu kont tal-esperjenzi u l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati rilevanti. Dan ser jgħin jiżgura li l-evalwazzjoni tkun kemm jista' jkun komprensiva. Minħabba l-importanza u l-impatt tal-GDPR f'soċjetà diġitali li dejjem qed tiżviluppa, hemm argumenti b'saħħithom li jappoġġaw rieżami usa' u d-diskussjoni li għaddejja dwar is-suġġett.

(7) Fl-istess ħin, il-Kunsill jenfasizza li l-GDPR ilu jiġi applikat biss minn Mejju 2018. Għaldaqstant, x'aktarx li fis-snin li ġejjin il-parti l-kbira tal-kwistjonijiet identifikati mill-Istati Membri ser jibbenefikaw minn aktar esperjenza fl-applikazzjoni tal-GDPR. Gwida ulterjuri, speċjalment mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (EDPB) u l-possibbiltà li tiġi skambjata informazzjoni dwar prattiki, interpretazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali ser ikunu wkoll utli għall-Istati Membri.

² 12756/19 REV 1

³ 11535/19

(8) Il-Kunsill għamel għadd ta' osservazzjonijiet dettaljati dwar l-applikazzjoni tal-GDPR. F'dan id-dokument, il-Kunsill jiddeskrivi ċerti suġġetti li tqiesu partikolarment rilevanti mill-Istati Membri. Dawk il-kwistjonijiet għandhom jiġu riflessi wkoll b'mod adegwat fir-rapport li jmiss tal-Kummissjoni.

2. Rimarki ġenerali

(9) Fil-fehma tal-Kunsill, il-GDPR irnexxa. Mingħajr dubju, ir-Regolament huwa pass importanti u strument li jsaħħaħ id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali u li jrawwem innovazzjoni fl-UE li tippermetti l-fiduċja. Il-GDPR żied ukoll b'mod ulterjuri s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-protezzjoni tad-data kemm fl-UE kif ukoll lil hinn minnha.

(10) Il-Kunsill jagħraf ir-rwol importanti tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fil-funzjonament u l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR. Il-Kunsill jinnota wkoll iż-żieda sinifikanti fl-attivitajiet tal-awtoritajiet superviżorji, marbuta mal-eżerċitar tal-kompiti u s-setgħat il-ġodda tagħhom, u l-iżviluppi pożittivi fir-rigward tal-allokkazzjoni sinifikament akbar ta' riżorsi li jingħataw f'ħafna Stati Membri. Il-Kunsill jikkondividi l-fehma tal-Kummissjoni dwar l-importanza tal-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri, b'mod partikolari fi ħdan l-EDPB. Din il-kooperazzjoni għandha tissaħħaħ aktar peress li hija partikolarment rilevanti għas-superviżjoni tal-ipproċessar transkonfinali li tinvolvi riskji jew għall-ipproċessar li jikkonċerna ħafna Stati Membri, pereżempju fir-rigward tal-hekk imsejħa kumpanniji teknoloġiċi l-kbar.

(11) Il-Kunsill jappoġġa wkoll l-idea ppreżentata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha li l-awtoritajiet għall-kompetizzjoni, dawk tal-konsumatur kif ukoll dawk tal-protezzjoni tad-data għandhom jikkooperaw fejn xieraq, pereżempju, fir-rigward tas-superviżjoni tal-kumpanniji teknoloġiċi l-kbar. Il-Kunsill jinnota li l-influenza estensiva ta' dawk il-kumpanniji u l-mudelli kummerċjali tagħhom qajmu xi tħassib. Ikun siwi li jiġi eżaminat u mmonitorjat, pereżempju, kif soġġetti tad-data jistgħu jeżerċitaw b'mod suffiċjenti d-drittijiet tagħhom fil-konfront ta' kumpanniji teknoloġiċi kbar. Għaldaqstant, fil-livell tal-UE jenħtieġu sforzi kkoordinati biex jiġi eżaminat l-ambitu tal-isfidi kif ukoll biex tinħoloq viżjoni ta' kif għandhom jiġu indirizzati.

(12) Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li l-kontrolluri u l-proċessuri jeħtieġu aktar kjarifiki u gwida mill-awtoritajiet superviżorji u l-EDPB. Ir-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tal-Kummissjoni għandu jenfasizza wkoll il-ħtieġa ġenerali għal linji gwida prattiċi u mezzi adegwati oħra biex tiġi ssodisfatta din il-ħtieġa.

(13) L-abbozzar ta' kodiċijiet ta' kondotta speċifiċi għas-settur f'konformità mal-Artikolu 40 tal-GDPR jista' jkun mod xieraq biex jingħata kontribut għall-applikazzjoni xierqa tal-GDPR. Dawn il-kodiċijiet ta' kondotta jistgħu jagħtu attenzjoni partikolari lil kwistjonijiet bħall-protezzjoni tad-data personali tat-tfal jew l-iproċessar ta' data dwar is-saħħa. Lista ta' kodiċijiet ta' kondotta, li qiegħda tiġi maqbulha mal-awtoritajiet superviżorji, tista' tgħin ittejjeb il-koordinazzjoni u l-appoġġ għal proġetti bħal dawn. Għandhom jiżdiedu u jiġu żviluppatti aktar miżuri li jħeġġu l-abbozzar ta' kodiċijiet ta' kondotta bħal dawn.

(14) Fl-istess ħin, il-Kunsill jinnota li fenomeni ġodda, b'mod partikolari teknoloġiji emerġenti, jipprovdu wkoll sfidi ġodda għall-protezzjoni tad-data personali kif ukoll għall-protezzjoni ta' drittijiet fundamentali oħra bħall-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni. Dawk l-isfidi huma relatati ma' suġġetti bħall-użu tal-big data, l-intelliġenza artifiċjali u algoritmi, kif ukoll l-internet tal-oġġetti u t-teknoloġija blockchain. Dan japplika wkoll għall-użu ta' teknoloġiji bħar-rikonoxximent tal-wiċċ, tipi ġodda ta' tfassil ta' profili, u t-teknoloġija 'deepfake'. L-iżvilupp tal-quantum computing jista' jkun ukoll ta' sfida għall-protezzjoni tad-data personali. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill jinnota li ċerti applikazzjonijiet ta' dawk it-teknoloġiji jistgħu jkunu wkoll ta' vantaġġ kbir u potenzjalment isaħħu l-privatezza taċ-ċittadini Ewropej. Sabiex jinżamm il-pass ma' teknoloġiji emerġenti, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li r-relazzjoni bejn l-iżvilupp teknoloġiku u l-GDPR tiġi mmonitorjata u vvalutata fil-livell tal-UE u fuq bażi kontinwa.

(15) Il-Kunsill jissottolinja li l-GDPR ġie abbozzat biex ikun teknoloġikament newtrali u li d-dispożizzjonijiet tiegħu jindirizzaw diġà dawn l-isfidi l-ġodda. Il-Kunsill iqis li huwa essenzjali li l-GDPR, u b'mod aktar ġenerali l-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-data personali, jiġi kkunsidrat bħala prerekwiżit għall-iżvilupp ta' inizjattivi futuri dwar il-politika diġitali. Madankollu, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jiġi ċċarat mill-aktar fis possibbli kif il-GDPR japplika għat-teknoloġiji l-ġodda msemmija hawn fuq.

3. Trasferimenti internazzjonali

(16) Fil-Komunikazzjoni tagħha, il-Kummissjoni nnotat ix-xejra pożittiva tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data li qed jiżviluppaw fil-livell globali. Hemm għadd dejjem akbar ta' partijiet għall-Konvenzjoni 108 tal-Kunsill tal-Ewropa, li ġiet riveduta reċentement. Fl-istess ħin, il-pajjiżi madwar id-dinja qegħdin jadottaw leġislazzjoni ġdida dwar il-protezzjoni tad-data jew qegħdin jimmodernizzaw l-oqfsa regolatorji tagħhom dwar il-protezzjoni tad-data.

(17) Il-Kunsill iqis li deċiżjonijiet ta' adegwatezza huma għodda essenzjali biex il-kontrolluri jittrasferixxu data personali b'mod sikur lil pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iqis ukoll li huwa kruċjali li deċiżjonijiet ta' adegwatezza jkunu bbażati fuq ir-rispett tal-kriterji kollha stabbiliti għal deċiżjonijiet bħal dawn, inkluż trasferimenti ulterjuri. Deċiżjonijiet ta' adegwatezza jridu jkunu wkoll soġġetti għal monitoraġġ kontinwu u rieżami perijodiku, kif meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, li huwa essenzjali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data. Il-Kunsill jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni, espressa fil-Komunikazzjoni tagħha, li tintensifika aktar id-djalogu tagħha dwar adegwatezza ma' sħab ewlenin kwalifikanti. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tqis il-possibiltà, meta tadotta deċiżjonijiet ta' adegwatezza ġodda, li tindirizza speċifikament trasferimenti lejn u bejn awtoritajiet pubbliċi. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-pjan tal-Kummissjoni li tirrapporta fl-2020 dwar ir-rieżami tal-11-il deċiżjoni ta' adegwatezza adottati skont id-Direttiva 95/46/KE.

(18) Il-Kunsill jinnota li bħalissa, hemm biss 13-il deċiżjoni ta' adegwatezza fis-seħħ, inkluż it-Tarka tal-Privatezza UE-U.S. Konsegwentement, f'ħafna sitwazzjonijiet meta jittrasferixxi data personali lil pajjiżi terzi u lil organizzazzjonijiet internazzjonali, il-kontrollur ikollu jirrikorri għal għodda oħra offruti mill-Kapitolu V tal-GDPR. Għaldaqstant, il-Kunsill jikkondividi l-fehma li huwa wkoll importanti li tiġi indirizzata l-applikazzjoni ta' għodda oħra għal trasferimenti internazzjonali skont il-Kapitolu V tal-GDPR, li xi drabi jistgħu wkoll jissodisfaw aħjar il-ħtiġijiet tal-kontrolluri u l-proċessuri individwali f'settur speċifiku. Il-Kunsill jissottolinja l-vantaġġi ta' dawk l- għodda, li jinkludu strumenti legalment vinkolanti u infurzabbli bejn awtoritajiet jew korpi pubbliċi, regoli korporattivi vinkolanti, klawżoli xierqa dwar il-protezzjoni tad-data adottati mill-Kummissjoni jew awtorità superviżorja u approvati mill-Kummissjoni, kif ukoll kodiċijiet ta' kondotta jew mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni approvati flimkien ma' impenji vinkolanti mill-kontrollur jew il-proċessur fil-pajjiżi terzi.

(19) Barra minn hekk il-Kunsill jinnota li l-klawżoli kuntrattwali xierqa għat-trasferimenti ta' data lejn pajjiżi terzi żviluppati skont id-Direttiva 95/46/KE ma ġewx aġġornati fid-dawl ta' żviluppi minn meta dawn ġew oriġinarjament żviluppati, inkluż id-dħul fis-seħħ tal-GDPR. Il-Kummissjoni hija mħeġġa li tirrieżaminahom u tirrivedihom fil-futur qrib biex tiegħu kont tal-bżonnijiet tal-kontrolluri u l-proċessuri.

(20) L-Istati Membri nnotaw li kjarifika u gwida ulterjuri jkunu ta' benefiċċju għall-applikazzjoni ta' xi wħud mill-għodda msemmija hawn fuq. Pereżempju, xi Stati Membri indikaw li, fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, il-kontrollur jista' jsibha diffiċli biex jiddetermina x'jistgħu jitqiesu bħala salvagwardji xierqa tal-protezzjoni tad-data kif imsemmija fl-Artikolu 46 tal-GDPR. Fil-fehma tal-Kunsill, kjarifika u gwida jiġu milqugħa tajjeb, partikolarment mill-EDPB. Il-Kunsill jieħu nota tal-gwida li diġà nħarġet mill-EDPB dwar regoli korporattivi vinkolanti. Barra minn hekk, ikun meħtieġ li jiġu ċċarati l-istandards minimi għal trasferimenti soġġetti għal salvagwardji xierqa bejn awtoritajiet pubbliċi. Dan huwa importanti peress li l-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri jeħtieġu kontinwament li jikkooperaw u jiskambjaw data personali mal-awtoritajiet ta' pajjiżi terzi li l-oqfsa legali tagħhom huma differenti minn dawk tal-UE.

4. Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza

(21) Il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza huma, fil-fehma tal-Kunsill, strumenti ewlenin biex jiġi żgurat livell għoli u konsistenti ta' protezzjoni tad-data personali fl-UE kollha. Huwa mistenni li l-applikazzjoni ta' dawk il-mekkaniżmi ser tirriżulta fil-futur qrib f'għadd ta' deċiżjonijiet komuni importanti u dokumenti ta' gwida fil-livell Ewropew, li b'hekk tikkontribwixxi għal fehim aktar ċar u applikazzjoni konsistenti tal-GDPR kif ukoll għat-tnaqqis ta' diskrepanzi fl-applikazzjoni tiegħu.

(22) Madankollu, filwaqt li mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza jitqiesu bħala elementi ewlenin tal-qafas regolatorju l-ġdid, u l-awtoritajiet superviżorji huma meħtieġa li jikkooperaw, l-Istati Membri semmew li l-awtoritajiet superviżorji tagħhom iffaċċjaw xi sfidi meta użawhom. Barra minn hekk, xi Stati Membri ġibdu l-attenzjoni għall-piż amministrattiv u l-implikazzjonijiet fuq ir-riżorsi umani tal-mekkaniżmi l-ġodda, b'mod partikolari l-implikazzjonijiet tal-iskadenzi skont l-Artikolu 60 tal-GDPR. Xi Stati Membri semmew ukoll sfidi relatati man-nuqqas ta' dispożizzjonijiet aktar dettaljati fil-GDPR dwar il-proċeduri applikabbli f'sitwazzjonijiet transkonfinali kif ukoll il-kriterji differenti, b'mod partikolari għat-trattament ta' lmenti skont liġijiet proċedurali nazzjonali. Madankollu, filwaqt li jagħraf l-isfidi ffaċċjati mill-awtoritajiet superviżorji biex jissodisfaw daww l-iskadenzi u biex ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-liġijiet proċedurali nazzjonali, il-Kunsill iqis li għall-infurzar effettiv tal-GDPR huwa importanti li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet tal-Artikolu 60.

(23) Fil-fehma tal-Kunsill, fid-dawl tal-esperjenza qasira tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza, għadu kmieni biex jiġi vvalutat il-funzjonament ta' dawn il-mekkaniżmi. Għaldaqstant il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji u l-EDPB fil-kuntest ta' dan ir-rieżami. Il-Kunsill iħeġġeġ ukoll lill-EDPB biex jeżamina l-kwistjoni li jinstabu arranġamenti ta' ħidma effiċjenti f'każijiet transkonfinali.

5. Marġini li jitħalla għal leġislaturi nazzjonali

(24) Il-GDPR japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Kif indikat mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha, objettiv ewlieni tal-GDPR kien it-tbeġhid mix-xenarju frammentat tat-28 liġi nazzjonali differenti li eżista skont id-Direttiva 95/46/KE u li jipprovdi ċertezza legali għal individwi u negozji fl-UE kollha. Il-Kunsill iqis li fil-parti l-kbira l-GDPR ikkontribwixxa għal dan l-objettiv.

(25) Madankollu, il-GDPR iħalli marġni għal leġislatur nazzjonali biex iżomm jew jintroduċi dispożizzjonijiet aktar speċifiċi bl-għan li tiġi adattata l-applikazzjoni ta' ċerti regoli tal-GDPR. Il-marġni huwa inkluż f'diversi artikoli tal-GDPR. Il-Kummissjoni indikat fil-Komunikazzjoni tagħha li ser tagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri nazzjonali relatati mal-użu ta' dan il-marġni għall-ispeċifikazzjoni. Skont il-Kummissjoni, il-leġislazzjoni nazzjonali ma għandhiex tintroduċi rekwiżiti li jmorru lil hinn mill-GDPR meta ma jkun hemm l-ebda marġni għall-ispeċifikazzjoni, bħal kondizzjonijiet addizzjonali għall-ipproċessar. Il-Kunsill fakkar li meta ġie nnegozjat il-GDPR marġni adegwat tqies neċessarju f'ħafna aspetti għal leġislaturi nazzjonali. Pereżempju, l-Artikoli 6(2) u (3) tal-GDPR jippermettu lill-Istati Membri jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi biex tiġi adattata l-applikazzjoni ta' ċerti bażijiet legali għall-ipproċessar tad-data personali. Għaldaqstant ġiet prevista u ġġustifikata ċerta frammentazzjoni kkawżata minn dan il-marġni. L-istess japplika, pereżempju, għall-Artikoli 85 u 86.

(26) Madankollu, għadd ta' Stati Membri indikaw li l-marġni nazzjonali possibbilment irriżulta f'xi konsegwenzi mhux maħsuba peress li, sa ċertu punt, ikkontribwixxa għal xenarju legali aktar frammentat milli kien previst oriġinarjament. Pereżempju, fl-Artikolu 8 tal-GDPR ġie inkluż ukoll marġni għal-leġislaturi nazzjonali, li jipprevedi li b'rabta mas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni l-età ta' kunsens tat-tfal hija ta' bejn 13 u 16-il sena. Dan wassal biex l-Istat Membri adottaw limiti tal-età li jvarjaw minn xulxin.

(27) Filwaqt li l-parti l-kbira tal-Istati Membri ma qajmux il-kwistjoni tal-limiti tal-età li jvarjaw minn xulxin, xi Stati Membri ħasbu li dawn kienu problematiċi u ssuġġerixxew li titqies l-introduzzjoni ta' limitu tal-età uniformi. Il-Kunsill jinnota li din il-frammentazzjoni fir-rigward tal-limiti tal-età differenti kienet prevista meta fit-tmiem tan-negozjati tal-GDPR ittiegħdet id-deċiżjoni li tkun permessa flessibbiltà fir-rigward tal-limitu tal-età. Madankollu, il-possibbiltà li jintgħażlu limiti tal-età differenti kif prevista bl-Artikolu 8 wasslet għal inċertezza legali fir-rigward tal-liġi applikabbli fost l-Istati Membri f'sitwazzjonijiet fejn il-liġijiet nazzjonali ta' żewġ Stati Membri jkunu applikabbli għal attività ta' pproċessar waħda.

(28) Madankollu, il-Kunsill jinnota li l-GDPR u r-regoli nazzjonali li jikkomplementawh ġew applikati għal żmien qasir biss. Il-leġislazzjoni speċifika għas-settur għad qed tiġi riveduta minn ħafna Stati Membri. Għaldaqstant, jista' jkun kmieni wisq biex jinstiltu konklużjonijiet definiti dwar il-livell ġenerali tal-frammentazzjoni legali fl-UE. Ikun utli biex jinkiseb fehim aħjar ta' kif il-kwistjoni ta' kampijiet ta' applikazzjoni territorjali sovrapposti ta' liġijiet nazzjonali li jimplementaw il-GDPR affettwat il-kontrolluri u l-proċessuri u kif qed jittrattaw tali sitwazzjonijiet.

(29) Il-Kunsill jenfasizza wkoll il-ħtieġa li, fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali, ix-xenarju legali tal-UE ma jitħalliex jiġi fframmentat. Id-direttivi u r-regolamenti tal-UE li fihom dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data personali għandhom ikunu konsistenti mal-GDPR jew, jekk applikabbli, mad-Direttiva (UE) 2016/680⁴ jew ir-Regolament (UE) 2018/1725⁵. Id-dritt għall-protezzjoni tad-data għandu jitqies ukoll b'mod xieraq meta jinħolqu politiki li jaffettwaw l-ipproċessar tad-data personali.

6. Obbligi ġodda għas-settur privat

(30) Filwaqt li l-GDPR naqqas sa ċertu punt l-piż amministrattiv fuq il-kontrolluri, huwa ħoloq ukoll ċerti obbligi ġodda. Iż-żieda fl-ammont tax-xogħol li rriżultat minn dan affettwat b'mod partikolari intrapriżi żgħar u medji (SMEs). Skont il-Komunikazzjoni, għalkemm is-sitwazzjoni tvarja bejn Stat Membru u ieħor, l-SMEs kienu fost il-partijiet ikkonċernati bl-aktar mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tal-GDPR. B'mod simili, xi Stati Membri indikaw li xi assoċjazzjonijiet tal-karità jew volontarji kienu fost dawk li ffaċċjaw sfidi b'rabta mar-rekwiżiti tad-dokumentazzjoni.

⁴ Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI.

⁵ Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.

(31) Skont informazzjoni minn xi Stati Membri, l-SMEs mhumiex sodisfatti, pereżempju, mid-deroga limitata mill-obbligu li jinżamm rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar. L-Artikolu 30(5) tal-GDPR jeżenta intrapriżi jew organizzazzjonijiet li jimpjegaw anqas minn 250 persuna mir-reqwizit li jżommu rekord tal-attivitajiet ta' pproċessar, iżda skont sett ta' kondizzjonijiet li rarament biss japplika. Filwaqt li jagħraf li l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju tal-GDPR kien għażla magħmula mill-leġislatur, il-Kunsill iqis li jkun importanti li jkun hemm tentattiv biex jiġi vvalutat kif il-bilanċ maħsub bejn l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, fuq naħa waħda, u l-ħtieġa li jitqiesu l-ħtiġijiet speċjali tal-SMEs (premissa 13), fuq in-naħa l-oħra, jaħdem fil-prattika.

(32) Eżempju ieħor ta' obbligi ġodda huwa l-obbligu li l-awtoritajiet superviżorji jiġu nnotifikati dwar vjolazzjonijiet ta' data personali u li tali vjolazzjonijiet jiġu ddokumentati (Artikolu 33 tal-GDPR). Skont informazzjoni miksuba mill-Istati Membri, l-għadd ta' notifikati magħmula s'issa fil-livell tal-UE skont l-Artikolu 33 huwa sinifikanti. Għaldaqstant, jidher li dan l-obbligu kkawża ħidma addizzjonali kemm għall-kontrolluri kif ukoll għall-awtoritajiet superviżorji.

(33) Għalkemm skont il-premissa 13, l-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji tagħhom huma mħeġġa jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kunsill jaqbel li jistgħu jkun utli aktar gwida u appoġġ għall-SMEs mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jew l-EDPB. Xi awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri diġà żviluppaw gwida u għodda mmirati għall-SMEs, biex jirrispondu għall-mistoqsijiet u l-ħtiġijiet tagħhom. Il-Kunsill jissottolinja r-rwol ta' daww l-awtoritajiet u l-EDPB fl-għoti ta' pariri lil SMEs u assoċjazzjonijiet tal-karità jew volontarji, u jhegghiġhom ikunu aktar attivi f'dan ir-rigward. Għodda prattiċi jistgħu jiġu żviluppanti wkoll mill-awtoritajiet superviżorji sabiex l-SMEs jiġu megħjuna u ffaċilitati fil-konformità tagħhom mal-GDPR, bħal formola armonizzata għall-kontrolluri u l-proċessuri biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar vjolazzjoni ta' data personali, jew rekord simplifikat tal-ipproċessar.

7. Rappreżentanti ta' kontrolluri jew proċessuri mhux stabbiliti fl-Unjoni

(34) L-Istati Membri għibdu l-attenzjoni għall-possibbiltà li kontrolluri jew proċessuri mhux stabbiliti fl-Unjoni jistgħu ma jkunux konformi mal-obbligi tagħhom stabbiliti fil-GDPR. Wieħed minn dawk l-obbligi huwa r-rekwiżit skont l-Artikolu 27 għall-kontrolluri u l-proċessuri li jaħtru rappreżentant fl-Unjoni. Mhuwiex ċert sa liema punt il-kontrolluri stabbiliti f'pajjiżi terzi kienu konformi ma' dak l-obbligu iżda skont informazzjoni mill-Istati Membri, hemm każijiet fejn ma ġiex maħtur rappreżentant. Ikun siwi li jkun hemm informazzjoni dwar sa liema punt il-kontrolluri jew il-proċessuri mhux stabbiliti fl-Unjoni haħtru rappreżentant kif meħtieġ bl-Artikolu 27 u liema passi l-awtoritajiet superviżorji qegħdin jieħdu biex jiżguraw konformità ma' dan l-obbligu.

(35) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 30(2), ir-rappreżentant tal-proċessur għandu jżomm rekord tal-kategoriji kollha tal-attivitajiet tal-ipproċessar imwettqa f'isem il-kontrollur, li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtorità superviżorja fuq talba. Mhuwiex għalkollox ċar x'tista' tagħmel l-awtorità superviżorja f'sitwazzjonijiet fejn ir-rappreżentant ma jkunx konformi mal-obbligu tiegħu. Aspett ieħor li jista' jeħtieġ riflessjoni ulterjuri huwa l-ambitu ta' responsabbiltà ta' rappreżentant għal nonkonformità mill-kontrollur jew il-proċessur. Il-gwida tal-EDPB f'dan ir-rigward li għadha kemm ġiet aġġornata hija għaldaqstant milqugħa b'sodisfazzjon.

8. Konklużjonijiet

(36) Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu pożizzjoni wiesgħa fir-rapport li jmiss tagħha billi tmur lil hinn mill-Kapitoli V u VII li jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 97 tal-GDPR. Fid-dawl tal-importanza u l-impatt tal-GDPR, hemm argumenti b'saħħithom li jappoġġaw rieżami u diskussjoni usa' tas-suġġett, filwaqt li jitqiesu bir-reqqa l-kontributi mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħall-awtoritajiet superviżorji.

(37) Dan id-dokument jiddeskrivi dawk il-kwistjonijiet ta' applikazzjoni u interpretazzjoni tal-GDPR li s'issa qajmu l-aktar punti ta' tħassib fl-Istati Membri. B'mod partikolari, il-punti ta' tħassib jirrigwardaw: 1) l-isfidi biex jiġu determinati jew applikati salvagwardji xierqa fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza; 2) il-ħidma addizzjonali għall-awtoritajiet superviżorji li tirriżulta mill-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u konsistenza skont il-Kapitolu VII tal-GDPR, kif ukoll l-implikazzjonijiet f'termini ta' riżorsi ta' dawk il-mekkaniżmi; 3) il-frammentazzjoni mhux prevista tal-leġislazzjoni; 4) l-obbligi ġodda għall-kontrolluri u l-proċessuri fis-settur privat introdotti minn ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR; u 5) l-passi li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet superviżorji biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn kontrolluri stabbiliti f'pajjiżi terzi ma jirnexxilhomx jaħtru rappreżentant fl-Unjoni.

(38) Madankollu, hemm ukoll għadd ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR li tqajmu minn Stati Membri individwali. Filwaqt li l-Kunsill jagħraf li l-għadd ta' mistoqsijiet huwa prinċipalment minħabba l-fatt li l-GDPR ġie applikat għal żmien qasir biss, il-Kunsill iqis li jeħtieġ li dawn jiġu indirizzati b'xi mod jew ieħor. Il-Kunsill jaqbel li ħafna mill-kwistjonijiet li tqajmu mill-Istati Membri huma mistoqsijiet ta' interpretazzjoni li jistgħu jiġu solvuti pereżempju permezz ta' aktar gwida, għalkemm xi materjali huma diġà disponibbli. Il-Kunsill jagħraf ir-rwol tal-EDPB u ta' awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-għoti ta' gwida bħal din. B'mod partikolari, għandha tingħata attenzjoni lil:

- l-applikazzjoni tal-GDPR fil-qasam ta' teknoloġiji ġodda kif ukoll il-kwistjonijiet relatati ma' kumpanniji teknoloġiċi kbar;
- għodda prattiċi għal SMEs u assoċjazzjonijiet tal-karità jew volontarji, bħalformola armonizzata għall-kontrolluri u l-proċessuri biex jinnotifikaw lill-awtoritajiet superviżorji dwar vjolazzjoni ta' data personali, jew rekord simplifikat tal-ipproċessar, kif ukoll għodda xierqa oħra għal SMEs biex japplikaw il-GDPR fid-dawl tal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;
- arranġamenti ta' ħidma effiċjenti ta' awtoritajiet superviżorji f'każijiet transkonfinali; u
- il-kwistjonijiet relatati mas-sitwazzjonijiet fejn rappreżentant ta' kontrollur jew proċessur stabbilit barra l-UE ma jkunx konformi mal-obbligi tiegħu.

(39) Barra minn hekk, ħafna minn dawn il-kwistjonijiet u s-suġġetti, speċjalment dawk fi ħdan il-qasam tal-kompetenza tal-leġislaturi nazzjonali u l-isfidi relatati mat-teknoloġiji emerġenti, ħaqqhom aktar diskussjonijiet u kondiviżjoni ta' esperjenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għandu jiġi esplorat xi jkun il-forum xieraq għal tali diskussjonijiet, u dan ma għandux jikkoinċidi mal-ħidma tal-EDPB.

(40) Fir-rigward tal-Kapitolu V, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex mhux biss tirreżamina d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza eżistenti iżda biex teżamina wkoll il-possibbiltajiet li jiġu adottati deċiżjonijiet ta' adegwatezza ġodda skont ir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni, u biex tesplora l-possibbiltà li jiġu indirizzati speċifikament trasferimenti lejn u bejn l-awtoritajiet pubbliċi meta jiġu adottati tali deċiżjonijiet. Fl-istess ħin, il-Kunsill jikkondividi l-fehma li huwa ugwalment importanti li tiġi indirizzata l-applikazzjoni tal-għodda l-oħra disponibbli skont il-Kapitolu V biex il-kontrolluri jingħataw aktar ċarezza dwar meta jista' jitqies li jeżistu salvagwardji xierqa fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza.

(41) Fir-rigward tal-Kapitolu VII, il-Kunsill jinnota li tqajmu xi punti ta' tħassib kif deskritt hawn fuq. Il-Kunsill iqis li l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet superviżorji għandha tissaħħaħ aktar. F'dan il-kuntest, ir-rilevanza tar-riżorsi tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u tal-EDPB għandha tiġi indirizzata fir-rapport li jmiss tal-Kummissjoni. Il-Kunsill iqis li l-isfidi proċedurali relatati mal-applikazzjoni tal-Kapitolu VII għandhom jiġu indirizzati wkoll. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkonsulta lill-awtoritajiet superviżorji u lill-EDPB.

(42) Il-Kunsill jinnota r-riskju ta' frammentazzjoni tal-leġislazzjoni relatata mal-marġni li l-Istati Membri għandhom sabiex iżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet aktar speċifiċi biex jadattaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-GDPR. Filwaqt li dak il-marġni kien intenzjonali għall-ispeċifikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-GDPR u għaldaqstant ċerta frammentazzjoni hija ġustifikata, il-Kunsill iqis li l-iżviluppi f'dan ir-rigward għandhom jiġu segwiti mill-qrib. Barra minn hekk, il-Kunsill iqis li huwa neċessarju li jittieħed kont sħiħ tal-aspetti tal-protezzjoni tad-data u l-GDPR fl-oqsma rilevanti tal-politika tal-UE u t-tfassil tal-liġijiet.

(43) Fil-fehma tal-Kunsill, huwa importanti li jiġi promoss il-mudell Ewropew stabbilit mill-GDPR u li tiġi żgurata ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati kollha fis-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni għandha għaldaqstant tindirizza fir-rapport tagħha l-kwistjonijiet relatati mas-suġġetti msemmija qabel, u tissuġġerixxi mezzi xierqa biex jiġu solvuti. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jitħejjew rapporti sussegwenti skont l-Artikolu 97, il-Kummissjoni għandha tkompli timmonitorja u tanalizza esperjenzi tal-applikazzjoni tal-GDPR, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwistjonijiet deskritti f'dan id-dokument. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi eżaminat u ċċarat kif il-GDPR jiġi applikat għall-isfidi li jirriżultaw minn teknoloġiji ġodda u kif inhu kapaċi jindirizzahom mill-aktar fis possibbli.
